# NOMI U SURIET KOLLETTIVI FIL-MALTI

*Miġbura minn* PUBLIUS BORG

L-iskop ta' din il-ġabra suriet ta' ismijiet kollettivi hu iżjed idjomatiku milli grammatikali. Jiġifieri qegħdin inġibuhom kif inħuma mitkellma u mhux kif għandhom jiġu skond il-grammatika.

*A.* Xi kollettivi jsiru billi jieħdu kejl, qies jew użin ta' xi sustanzi, bħal : wejba xgħir, tomna raba', ratal bajtar, qasba ħarir, kejla ful, qasba żejt.

*B.* Oħrajn jieħdu l-isem tar-reċipjent illi fih jinsabu dawn is-sustanzi, prodotti, tajr, bħal : bixkilla bajd, qanniċ ġbejniet, guva ħamiem, bejta għasafar, xkora patata, sorra ħwejjeġ, tigan fniek, u oħrajn.

*C.* Oħrajn jieħdu l-isem tas-sura jew għamla ta' dawn is-sustanzi, dud, nies, eċċ. flimkien, bħal : sarbut nemel, milwa zalzett, borġ ċlamit, gastell boċċi, roqgħa dud.

*D.* Bosta jieħdu l-kollettiv mill-verb, jiġifieri il-ġabra ta' għamil bħal xulxin meħud flimkien, bħal : qrara dagħa, sensiela gideb, naxra ħwejjeġ, tagħbija xaħx, ħarġa siġar, għaġna ħobż.

*E.* Kollettivi li jieħdu l-isem tal-post fejn dawn is-sustanzi jinsabu, bħal : sala nies, għalqa ful, minżla ramel (sand dune), knisja nies, barriera ġebel.

Ta' min jinnota illi xi wħud minn dawn l-idjomi ftit għandhom tifsira kollettiva, iżda jaqblu fit-tiswir tagħhom mal-kollettiv. Nitolbu li min jaqra din il-ġabra ta' idjomi jsewwi fejn għamilna xi għelt, jew jaqbad ifittex billi jqalleb il-kotba u jsaqsi lil nies ta' kull sengħa, lant, jew namra jekk qabel magħna li dan hu xogħol ta' siwi, u għalhekk jixtieq iżid dak li ħallejna barra. B'hekk nirqmu iżjed il-Vokabolarju Malti.

**B**ALLA karti ; barkata żwiemel ; barkata ġwież , ġebel ; barkun faħam ; barriera ġebel ; bexxa ħall, whisky ; belgħa kafè ; bejta għasafar, ġrieden ; bixkilla bajd ; borġ ġebel ; borma minestra, eċċ. ; boton fniek, dud ; brott deheb ; buffura riħ ; bukkett fjuri ; bur dwieli.

**Ċ**APPA tin ; ċorma tfal, ulied, nies ; ċurniena tagħam.

**D**ELU kafe'.

**E**ŻERĊTU nies.

**F**AWWARA ilma; faxx basal, tewm; ferħ naħal; furnata ħobż.

**G**ASTELL boċċi; ġamra nar; ġelġul ilma; ġess ħalib; ġeġwiġija nies; ġilba (ġliba?) ħut; ġilwa qassisin, eċċ. (f'purċissjoni); ġidma ħobż; ġiżża suf; ġgajta ħabsin; gozz ħamrija, trab, eċċ; ġliba Nsara, kwiekeb; guva ħamiem; ġlajka ħaddiema.

**G**ĦABRA trab; għaġna ħobż; għalfa ħarrub; għanqud għeneb, banana; għarma maħluġ; għorma bebbux, xaqquf; għajn silla.

**H**ARĠA mwejjed, siġar, xtieli; ħabel silla; ħalġa qoton; ħalba xita; ħajta deheb; ħalla baħar; ħemel plejju, sagħtar; ħemel silla; ħodon ward; ħorġa flus; ħuġġieġa nar; ħasla ħwejjeġ; ħannieqa żibeġ, tfief.

**I**NDANA taraġ; ikla bajtar.

**K**OTRA żgħażagħ; karwana (iġmla); kavetta ħut; kemxa flus; kobba ħajt, suf, spag, tmontox.

**L**AGĦQA żejt; lenza qubbajd.

**M**ANDRA bajtar; maħżen, jew ħażna njam; maġmar nar; marella suf; magħlef sagħtar; mazz karti; mejda qubbajd; medda siġar; miłwa zalzett; mixbħa tfal; miġimgħa nies; mixilgħa bwieqi; medda baħar; mgħajġna ħobż; merħla ngħaġ, mogħoż; munzell ħatab.

**N**ISKATA bżar; nemmelija dud; newba xita.

**R**ADAM flus; redgħa ħalib; robbu laħam; romblu karti; ruxxmata kotba; roqgħa xitel.

**S**AJDA ħut; sarbut qaddejja, nemel, eċċ.; satla soldi; sensiela gideb; sensiela ġawhar; sett platti, għamara, eċċ.; salt nies; sieqja ilma; sarbut karrozzini, bejjiegħa, siegħ xgħir.

**T**AGĦSIRA għeneb; taqtigħa busnalja; tagħbija faħam; turtiera pastizzi; tigan fniek; tagħmira bajd, qubbajd; tagħmira deheb, bandieri; tratt blat; turrun qubbajd; tqegħida bajd.

**W**EJBA xgħir; wiċċ kaboċċi, ġdur.; wilġa kromb (ġdur);

**X**KORA zokkor, għalf, eċċ.; xarba nbid, ilma; xedda faħam; xehda naħal; xidda deheb; xirka (ta' nies).

**Ż**EMBIL tamar; żinġla bajd.